# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 22**

**Rikors numru 529/09/1 MH**

**Cynthia *sive* Sapienza Cassar, Rita Borg u Rose Bartolo**

**v.**

**Bank of Valleta p.l.c. (C-2833) u bi provvediment tad-29 ta' Jannar 2010 ġie msejjaħ fil-kawża Sebastian Agius u b'digriet tal-14 ta' April 2014 *stante* l-mewt tal-istess Sebastian Agius saret il-leġittimazzjoni tal-atti f'isem Margaret Agius, Valerie Agius u Claudia Agius**

1. L-atturi flimkien ma' ħuthom Sebastian Agius u Ricarda Duca kienu ftehmu li jwaqqgħu u jiżviluppaw fond li jinsab il-Gudja, u jaqsmu l-ispejjeż u l-profitti b'mod ugwali minħabba li kollha kellhom sehem ugwali f'din il-proprjeta`. Għal dan il-għan huma kienu ħadu faċilita` ta' self mingħand il-bank konvenut, u kienu nfetħu tliet kontijiet bankarji f'isimhom kollha, wieħed *current account,* ieħor *loan account* u ieħor *savings account.* L-atturi jgħidu li l-bank konvenut kien ingħata struzzjonijiet fis-sens li ma kien hemm bżonn l-ebda firma biex jiġi

rilaxxat ammont ta' flus li kien anqas minn Lm200, li kien hemm bżonn żewġ firem jekk l-ammont ikun bejn Lm200 u Lm500, tliet firem jekk l-ammont ikun bejn Lm500 u Lm1,000 u l-firem kollha jekk l-ammont ikun ta' aktar minn Lm1,000. L-atturi jallegaw li l-bank konvenut injora dawn l-istruzzjonijiet u ħalla lil Sebastian Agius jopera l-faċilita` bankarja konġunta waħdu mingħajr ma ġiet mitluba l-firma tal-bqija tal-aħwa kif kien meħtieġ skont l-istruzzjonijiet mogħtija lil bank, u li huma sofrew danni b'konsegwenza ta' dan.

2. F'dawn il-proċeduri huma talbu għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata bankarja naqset milli tosserva l-istruzzjonijiet liha moghtija u minnha assunti u permettiet illi Sebastian Agius jopera l-facilita' bankarja komuni ghar-rikorrenti, Sebastian Agius u Ricarda Duca minghajr ma giet mitluba l-firma tar-rikorrenti fejn u kull meta kien jinhtieg;
>
> 2. Tiddikjara li r-rikorrenti sofrew danni konsegwenza ta' dan l-istess nuqqas da parti tas-socjeta' bankarja intimata konsistenti fil-fatt illi huma kienu prekluzi milli jkolhom stampa cara tas-sitwazzjoni finanzjarja tan-negozju taghhom b' mod li gew impeduti milli jinvestu f' operazzjonijiet godda, gew kostretti jhallsu interessi akkumulati fuq ammont li, li kieku gew osservati l-istruzzjonijiet moghtija, ma kienu jkunu qatt dovuti u aktar meta konsegwenza ghall-istess gew prekluzi milli jottjenu facilitajiet bankarji offruti u dan minhabba l-qaghda hazina tan-negozju taghhom kif riflessa konsegwenza tan-nuqqas ta' osservazzjoni da parti tal-bank intimat tal-istruzzjonijiet minnhom lilu moghtija;
>
> 3. Tikkundanna lis-socjeta' bankarja intimata thallas lir-rikorrenti dak l-ammont li hekk jigi likwidat per via ta' danni minnhom sofferti;
>
> Bl-ispejjes, u bl-ingunzjoni tas-socjeta intimata bankarja li min issa qeghda tigi mharrka u nsubizzjoni."

3. Il-bank konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li (1) il-ġudizzju mhuwiex integru *stante* li l-ftehim mal-bank sar mill-atturi flimkien ma' Sebastian Agius u Ricarda Duca u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, (2) għandu jiġi kjamat in kawża Sebastian Agius, (3) l-atturi rratifikaw dak kollu li sar fil-kontijiet

in kwistjoni u l-kontijiet relattivi ġew saldati u magħluqa, (4) l-atturi kienu pjenament konsapevoli li Sebastian Agius kien qiegħed imexxi l-proġett imsemmi fir-rikors ġuramentat u kien jitratta mal-bank għall-finanzjament tal-istess, u wkoll dwar kif kienu qed jiġi mħaddma l-kontijiet mill-istess Sebastian Agius, (5) mhux minnu li l-atturi sofrew danni minħabba xi aġir tal-bank konvenut, u (6) jekk l-atturi sofrew danni, ta' dawn huwa responsabbli unikament Sebastian Agius u mhux il-bank konvenut.

4. Permezz ta' provvediment tad-29 ta' Jannar 2010 ġie msejjaħ fil-kawża Sebastian Agius, li eċċepixxa, *inter alia,* li l-ġudizzju mhuwiex integru peress li mhux l-intestatarji kollha tal-kontijiet bankarji huma parti fil-kawża, li la l-bank konvenut u lanqas hu mhuma responsabbli għall-allegati danni reklamati mill-atturi u li l-atturi ma sofrew l-ebda danni, li huwa dejjem aġixxa *in buona fede* u fl-aħjar interess ta' kulħadd sabiex jitħallsu l-kredituri kollha u l-bank konvenut filwaqt li jibqa' profitt favur l-atturi, u kienu jinżammu laqgħat bejn kulħadd b'mod regolari biex kulħadd jinżamm infurmat dwar l-andament tal-proġett.

5. Bis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –
>
> 1. Tiċħad it-talbiet tal-atturi;
>
> 2. Tilqa' safejn kompatibbli ma' dak deċiż il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Bank konvenut;
>
> 3. Tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzonijiet tal-kjamat fil-kawża Sebastian Agius u tilqa' safejn kompatibbli ma' dak deċiż il-bqija tal-eċċezzjonijiet tiegħu.

4. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-atturi."

6. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fit-22 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma t-tielet kap tas-sentenza appellata fejn ġew miċħuda l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Sebastian Agius, tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata permezz ta' liema ġew milqugħa l-eċċezzjonijiet tal-Bank u tal-kjamat in kawża u dik il-parti permezz ta' liema ġew miċħuda t-talbiet attriċi u l-atturi ġew ordnati jħallsu l-ispejjeż tal-kawża, u minflok tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti jew min minnhom.

7. Bank of Valletta p.l.c. preżenta r-risposta tal-appell tiegħu fis-17 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottometta li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti.

8. Il-konvenuti Agius preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fis-27 ta' Mejju 2022 permezz ta' liema ssottomettew li l-appell tal-atturi għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom.

**Ikkonsidrat;**

**L-Ewwel u t-Tieni Aggravju**

9. Peress li l-ewwel u t-tieni aggravji tal-appellanti t-tnejn jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti u tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, dawn iż-żewġ aggravji ser jiġu trattati flimkien.

10. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li wassal sabiex tittieħed deċiżjoni nġusta fil-konfront tagħhom. Skont l-appellanti l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti "hija mżewqa b'inkonsistenzi u addirittura bi żball ta' fatt…" Jgħidu li mix-xhieda ta' Roderick Abela, rappreżentant tal-bank konvenut, jirriżulta mingħajr ebda dubju li l-bank konvenut kien ingħata struzzjonijiet, u jagħmlu referenza wkoll għal Dok RA2 u Dok RA3, esebiti mill-istess Roderick Abela, li l-appellanti jgħidu huma relevanti għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar fuq xhiex kienu jikkonsistu l-istruzzjonijiet in kwistjoni. Skont l-appellanti s-sentenza appellata tikkontjeni żball kruċjali għaliex għalkemm l-Ewwel Qorti kkonsidrat li fil-formola ta' *Opening of Account* kienu tħallew vojta l-kaxxi li jinsabu fit-taqsima "*Signing Instructions*", fil-verita` l-kaxxa *Vide Mandate* ma tħallietx vojta u "hija mmarkata b'asteriks li qiegħda ftit l-isfel mill-istess kaxxa imma li evidentement tirreferi għall-istess." Jagħmlu referenza wkoll għad-dokument tal-formazzjoni ta' RENCAS fejn jinsab indikat kemm il-firma hija meħtieġa biex jinħareġ ċekk skont il-valur, u jgħidu li dan id-dokument jirrifletti preċiżament il-kontenut tal-*iscreenshot a fol.* 4. L-appellanti jargumentaw li dan kollu jfisser li ma jeżisti assolutament l-ebda dubju li l-bank konvenut kien ingħata struzzjonijiet dwar kif kellhom jinħarġu l-flus mill-kont tas-self u li l-istess struzzjonijiet kienu speċifiċi. Jgħidu li l-Ewwel Qorti kienet

żbaljata meta kkonsidrat li d-dokument appena msemmi kien *res inter alios acta* għall-bank konvenut, għaliex mill-provi jirriżulta li dan id-dokument kien jifforma parti mid-dokumentazzjoni li kienet tinsab fil-pussess tal-bank konvenut in konnessjoni mas-self mogħti lill-aħwa u li l-*Account Opening Form* tagħmel referenza għall-mandat speċifiku li kellu japplika fit-tħaddim tal-kontijiet relatati mal-istess self, u li l-kontenut tal-imsemmi dokument jirrifletti l-kontenut tal-i*screenshot* esebit minnhom. Jgħidu li għalhekk, a kuntrarju ta' dak ikkonsidrat mill-Ewwel Qorti, jirriżulta ċar li kienet meħtieġa aktar minn firma waħda għal pagamenti 'l fuq minn Lm1,000 u li ladarba kienu jeżistu dawn l-istruzzjonijiet kellhom jiġu segwiti mill-bank konvenut, u jżidu li mill-kliem tal-Ewwel Qorti jirriżulta li bħala stat ta' fatt il-bank konvenut naqas milli jsegwi dawn l-istruzzjonijiet. Jargumentaw ukoll li kwalunkwe nebolożita` li jista' jkun hemm fir-rikors ġuramentat tagħhom mhijiex attribwibbli lilhom iżda hija biss kaġun tal-fatt li d-dokumenti kollha kienu fil-pussess tal-bank konvenut u konsegwenza diretta tal-aġir irregolari tal-bank, u jżidu li meta kienu avvinċaw lill-bank konvenut sabiex jingħataw kopji tad-dokumenti relattivi għas-self il-bank irrifjuta li jagħtihom dawn id-dokumenti għaliex qalilhom li kien awtorizzat jagħmel dan biss ma' Sebastian Agius.

11. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti skartat parti sostanzjali mill-provi li tressqu għall-konsiderazzjoni tagħha, u b'hekk numru ta' fatturi li jikkonfermaw it-teżi attriċi ġew skartati. Jargumentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-bank konvenut kien qiegħed joħroġ pagamenti fuq is-saħħa ta' noti miktubin bl-idejn u ċioe` mingħajr

*invoice*, li l-pagamenti approvati mill-bank ma jikkorrispondux mal-*invoice* relattiva fil-każ li din ġiet provduta u li nħarġu diversi pagamenti ogħla minn Lm200 fuq il-firma ta' Sebastian Agius biss. Jgħidu li l-Ewwel Qorti skartat ukoll ix-xhieda ta' Dr. Geoffrey Bezzina, rappreżentant tal-MFSA, li xehed li t-transazzjonijiet kollha li saru in konnessjoni mal-*loan account* saru taħt l-awtorita` ta' Sebastian Agius, u x-xhieda ta' Sebastian Agius stess li qal li qatt ma ġie mwaqqaf minn xi ħadd min-naħa tal-bank meta kien imur jiġbed il-flus mill-kontijiet. Jgħidu li dawn il-provi kollha juru li l-kontijiet kienu qed jiġu mħaddma b'mod irregolari, u ma kellhomx jiġu skartati sempliċiment għaliex ma jirrigwardawx strettament il-kwistjoni dwar il-parametri tal-mandat mogħti mill-aħwa Agius.

12. Il-bank appellat iwieġeb li l-appellanti naqsu milli jġibu prova ċara ta' liema pagamenti li saru ma marrux għall-proġett, x'danni ġew ikkawżati lill-atturi u wisq anqas għalhekk ma ġie ppruvat xi ness ta' kawżalita` bejn id-danni li qatt ma ġew indikati u l-aġir tal-bank. Skont il-bank appellat l-atturi appellanti jwaqqgħu t-talbiet tagħhom stess ripetutament billi jgħidu li dak li riedu kien li jaraw l-irċevuti u li fl-aħħar mill-aħħar ma kinitx tagħmlilhom wisq differenza jekk ikollhom l-irċevuti f'idejhom, u dan minkejja li din ma kinitx l-azzjoni li huma ntavolaw. Jgħid li minkejja li l-kuntatt tal-appellanti mal-bank kien ma' Cornelia Cauchi l-appellanti naqsu milli jressquha bħala xhud, bħal ma naqsu wkoll milli jipproduċu bħala xhud lill-*accountant* li jgħidu marru jkellmu biex jieħdu parir dwar din il-kwistjoni. Iżid li l-appellanti wkoll ma ressqu l-ebda ħaddiem biex juru li kien hemm ħaddiema li ma tħallsux, u għalkemm jagħmlu referenza fix-

xhieda tagħhom għal certu *electrician* Mallia li jgħidu li kellhom iħallsu minn buthom għaliex kien irrabjat peress li baqa' ma tħallasx, huma naqsu milli jipproduċu lil din il-persuna bħala xhud sabiex tikkorrobora t-teżi tagħhom.

13. Il-bank appellat jargumenta li l-appellanti ma ġabu l-ebda prova li huwa kien marbut b'xi struzzjonijiet mogħtija minnhom jew mill-kjamat in kawża, u li l-uniku dokument li juri li kien hemm ftehim ta' kif kellhom jinġibdu l-flus detenuti konġuntament bejn l-aħwa kien il-ftehim ta' sħubija ta' RENCAS, li għalih il-bank ma kienx firmatarju. Jgħid li l-*Mandate Form a fol.* 217 tal-proċess ma tindika l-ebda struzzjonijiet li kellha tintrabat bihom is-soċjeta` appellata, u li s-sezzjoni '*Vide Mandate*' ndikata mill-appellanti tagħmel referenza għad-Dokument esebit bħala Dok RA3 a *fol.* 217 li hija l-formula li biha jiġu appuntati mandatarji u li hija ffirmata kemm mill-appellanti u kif ukoll mill-bank appellat. Skont il-bank appellat ma hemm l-ebda referenza għad-dokument tal-formazzjoni ta' RENCAS jew struzzjonijiet, la fl-*Opening of Account Form* u lanqas fl-*Appointment of Bankers Form*. Jargumenta li d-dokument tal-formazzjoni ta' RENCAS ma jistax jitqies li jifforma parti minn xi *Mandate Form* kif isostnu l-appellanti għaliex ma hemmx referenza għalih fil-*Mandate Form*, u mhuwiex iffirmat minn xi addett tal-Bank bħala aċċettazzjoni ta' dawn l-istruzzjonijiet. Jgħid li l-*Appointment of Bankers Form* tagħmilha ċara li kull wieħed mill-aħwa huwa solidalment responsabbli għall-obbligi kollha tad-ditta RENCAS li għalihom jiffirma huwa stess jew xi ħadd mill-aħwa. B'referenza għall-kontenut tal-i*screenshot* jgħid li dan ma jaqbilx ma' dak li hemm imniżżel fir-rikors ġuramentat li huwa l-aktar att essenzjali fil-proċedura legali u għalhekk m'hemm

l-ebda kjarezza dwar dak li verament ftehmu fuqu l-appellanti ma' ħuthom, aħseb u ara kemm setgħu rabtu lill-bank bl-istess allegati struzzjonijiet. Fir-rigward tal-istess *screenshot* il-bank appellat iżid li l-appellanti qatt ma ressqu prova li din hija verament maħruġa mis-sistema tiegħu, u lanqas qatt ma ressqu xhud biex jikkonferma l-istess *screenshot* jew imqar provdew informazzjoni minn fejn allegatament ottjenew l-istess.

14. Il-bank appellat jargumenta li jekk l-appellanti ħassew li huwa ma kienx qiegħed jimxi kif xtaqu huma, huma setgħu ġibdu l-attenzjoni tiegħu waqt li kienu għaddejjin bil-proġett u jżid li Cynthia Cassar hija persuna ta' skola u kienet tirċievi r-rendikonti bankarji waqt l-andament tal-proġett. Jgħid li l-allegazzjoni tal-appellanti li meta talbu informazzjoni mill-bank din ġiet miċħuda hija lloġika għaliex ġaladarba l-faċilitajiet kienu jsejħu lilhom l-ebda addett tal-bank ma seta' jċaħħadhom minn din l-informazzjoni. Iżid li pero` fil-proċeduri odjerni l-appellanti ntilfu jitkellmu dwar id-disgwid li kellhom ma' ħuthom l-oħra li kienu nvoluti fil-proġett, u dak li ħareġ minn dawn il-provi huwa li l-appellanti kienu jafu sew il-fatti li issa qed jilmentaw dwarhom u kien hemm akkwijexxenza min-naħa tagħhom dwar il-mod kif kien qiegħed jitħaddem il-kont u li l-proġett kien qiegħed jiġi ġestit minn Sebastian Agius, u kienu komdi b'dan l-arranġament sakemm daħlet il-pika bejniethom. Jargumenta li l-appellanti ma jistgħux issa jinvokaw xi dritt bejn mandant u mandatarju fil-konfront tiegħu meta huma bl-akkwijexxenza tagħhom invalidaw kwalunwke struzzjonijiet li kienu qablu fuqhom fir-reżoluzzjoni li tinsab *a fol.* 219 tal-proċess, tant illi Cynthia Cassar qatt ma qajmet ebda kwistjoni matul is-snin minkejja li kienet tirċievi r-

rendikonti bankarji u għalhekk kienet taf x'kien qiegħed jiġri, u wkoll meta jirriżulta li fil-laqgħat li kienu jinżammu bejn l-aħwa dwar il-proġett kienu jiġu diskussi ħlasijiet lill-kredituri u r-relazzjoni tal-aħwa mal-bank. Dwar l-*encroachment* ta' Lm3,000 il-bank appellat jargumenta li l-attriċi Rose Bartolo stess kienet għażlet li tiffirma għalih u li mhijiex verosimili l-ispjegazzjoni tagħha li ħasbet li qed tiffirma biex jitħallsu l-bolol fuq il-proprjeta`. Iżid li fi kwalunke każ irriżulta li dan l-*encroachment* verament intuża biex jitħallsu l-bolol, u minnu ntużat biss is-somma ta' Lm517. Il-bank appellat isostni li anke jekk il-Qorti tikkonsidra li t-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa, huwa m'għandu jħallas l-ebda danni għaliex il-flus inġibdu minn Sebastian Agius u jekk xejn kien hu li gwadanja minnhom u mhux il-bank appellat, u kien allura hu li kkawża d-danni u għandu jirrispondi għalihom.

15. L-imsejħin fil-kawża Agius iwieġbu li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament korrett tal-provi li ġew prodotti fil-kawża u għalhekk m'hemmx lok li s-sentenza appellata tiġi riformata kif qed jiġi mitlub mill-appellanti.

16. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Fl-ewwel talba tagħhom l-atturi jitolbu lill-Qorti tiddikjara li s-soċjeta' ntimata naqset milli tosserva l-istruzzjonijiet lilha mogħtija u minnha assunti meta ppermettiet illi Sebastian Agius jopera l-faċilita' bankarja komuni għar-rikorrenti, Sebastian Agius u Ricarda Duca mingħajr ma ġiet mitluba l-firma tar-rikorrenti fejn u kull meta kien meħtieġ meta jinqabżu ċerti ammonti.
>
> Il-bqija tat-talbiet huma konsegwenzjali għal din it-talba fejn l-atturi qed jitolbu li b'riżultat ta' dan in-nuqqas tal-Bank huma sofrew danni li għalihom għandhom jiġu kkumpensati.

Il-Qorti tqis opportun tissottolinea mmedjatament li hija marbuta li titratta u tiddeċiedi l-kawża ai termini tal-kawżali u t-talbiet kif magħmula fir-rikors promotur. Xejn aktar u xejn anqas.

Kif ingħad fil-każ Health Services Group Ltd vs Id-Direttur tal-Kuntratti et deċiż fit-28 t'April 2017 –

> "Kif qalet din il-Qorti fil-kawża Micallef v. Mizzi, deċiża fil-24 ta' Frar, 2012:
>
> > "Huwa prinċipju magħruf illi fl-għoti tas-sentenza l-Imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni. Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u tat-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni….ma huwiex leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni. Kawżali kif espressa fiċ-ċitazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawża u l-Qorti għandha toqgħod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fiċ-ċitazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza mogħtija tkun extra petita".

Dan qed jingħad fid-dawl tal-fatt li wara li evalwat il-provi mressqa, din il-Qorti jidhrilha li numru ta' provi li nġiebu servew biss biex jistradaw il-kawża f'direzzjoni lil hinn minn dak li hija msejħa biex tiddeċiedi dwaru l-Qorti llum. It-talbiet li għandha quddiemha din il-Qorti llum huma marbuta mal-kwistjoni ta' jekk il-Bank konvenut kisirx l-obbligi tal-mandat allegatament mogħti lilu mill-aħwa meta ħalla lill-kjamat fil-kawża jopera waħdu l-kontijiet tal-bank miftuħa bejn l-istess aħwa mingħajr ma rrikjeda l-firem opportuni tal-atturi fejn kien allegatament rikjest skont l-ammont. Kwindi għall-fini tal-kawża odjerna, x'sar minnhom, kif u għal xiex intużaw il-flus li allegatament ħareġ Sebastian Agius mill-kontijiet bankarji mingħajr il-firem ta' ħutu skont kif allegatament meħtieġ huma kollha provi rrilevanti għal din il-kawża u ma jgħinu xejn biex issostnu t-talbiet imressqa. Fis-sentenza preliminari tad-29 ta' Jannar 2010 din il-Qorti diversament preseduta diġa kienet ċara fid-dikjarazzjoni tagħha li dak li l-atturi qegħdin jitolbu fil-kawża odjerna huwa ħlas ta' danni marbuta mat-twettiq tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tal-Bank konvenut u mhux ta' xi ħadd mill-partijiet l-oħra fil-ftehim. Dak jibqa estraneju għal kawza odjerna u jinħtieg proċeduri separati.

Ferm il-premess, il-Qorti sejra tgħaddi biex tevalwa l-mertu tal-ewwel talba.

Tajjeb li qabel xejn jiġu delineati l-prinċipji legali marbuta mar-relazzjoni bejn l-atturi u l-Bank konvenut qua mandant-mandatarju.

L-artikolu 1856 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk –

> "(1) Il-mandat, jew il-prokura, hu kuntratt li bih persuna tagħti lil persuna oħra s-setgħa li tagħmel xi ħaġa għaliha. (2) Il-kuntratt mhux perfett sakemm il-mandatarju ma jaċċettax il-mandat."

Imbagħad l-artikolu 1858 tal-Att iżid hekk –

> "L-aċċettazzjoni tal-mandatarju tista' wkoll tkun taċita u tista' tidher mill-fatt."

Skont l-artikolu 1864 tal-Att –

"Il-mandatarju ma jista' jagħmel xejn li joħroġ mil-limiti tal-mandat.

U skont l-artikolu 1873 (1) tal-Att –

> "Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-każ ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwieġeb għad-danni u l-imgħaxijiet."

Minn dak li jirriżulta mill-premessi tar-rikors ġuramentat u mill-affidavits tal-atturi il-pożizzjoni tagħhom dwar l-allegat mandat mogħti mill-aħwa lill-Bank hija din –

> "...l-istruzzjonijiet li ġew mogħtija lil bank minni u minn ħuti kollha kienu ċari li jekk l-ammont rikjest ikun ta' anqas minn Lm200 ma kienet rikjesta l-ebda firma. Jekk l-ammont rikjest ikun ta' Lm200 iżda mhux aktar minn Lm500 ikun meħtieġ żewġ firem u jekk l-ammont jeċċedi Lm500 iżda mhux Lm1000 ikun meħtieġ il-firma ta' tlett firmatarji. Kull ammont il fuq minn Lm1000 jinħtieġ il-firma tal-ħamsa aħwa flimkien."

Jiġi sottolineat li l-liġi torbot lill-parti f`kawża li tipprova dak li qed tallega6 u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova.

Ingħad hekk fil-każ Salv Trading Limited vs Kunsill Lokali Birkirkara deċiż fid-9 ta' Lulju 2019 –

> "Illi hija norma elementari tad-dritt probatorju li min jallega jrid jipprova u, jekk kemm-il darba dik il-prova ma tinġiebx, il-Qorti jkollha tqis li l-parti attriċi tkun naqset milli twettaq il-parti probatorja tagħha kif meħtieġ u kif mistenni li jsir bir-riżultat li l-parti l-oħra m'għandhiex tbati tali nuqqas."

Fil-fehma tal-Qorti u minn dak li rriżultalha mill-atti, l-atturi ma rnexxilhomx iressqu prova sal-grad rikjest mill-liġi li huma taw l-istruzzjonijiet minnhom indikati lill-Bank għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Il-Qorti tosserva li –

i. Bħala prova dokumentarja ewlenija biex isostnu l-pożizzjoni tagħhom dwar l-istruzzjonijiet mogħtija lill-Bank konvenut fir-rigward tal-firem tal-aħwa, l-atturi jistrieħu fuq fotokopja ta' screenshot minn computer. Bħala punt tat-tluq il-Qorti hija ferm perplessa kif, tenut kont li l-atturi qed jagħtu tant piż lil dan id-dokument, huma lanqas indenjaw ruħhom iressqu prova waħda li almenu tikkonferma l-awtentiċita' u l-provenjenza ta' dak l-iscreen shot. Infatti, minkejja li ġew imħarrka anke uffiċjali tal-Bank biex jixhdu fil-kawża, l-atturi ma rnexxilhomx juru b'suċċess li effettivament dan l-iscreenshot kien uffiċjalment jappartjeni lis-sistema kompjuterizzata u nterna tal-Bank konvenut. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta fotokopja ta' screenshot li lanqas biss hi konfermata b'mod uffiċjali bħala l-bażi ta' ftehim dwar il-firem bejn il-Bank u l-aħwa, tant ieħor ma jwassal imkien l-ittri interogattivi li bagħtu r-rikorrenti u esebiti mar-rikors ġuramentat;

ii. Inoltre, iċ-ċifri abbinati mal-firem kif jidhru f'dan l-istess screenshot lanqas jaqblu kompletament mal-allegati struzzjonijiet dwar il-firem li l-atturi

qegħdin jibbażaw il-kawża fuqhom fir-rikors ġuramentat. Dan peress li, kif jidher mill-iscreen shot imsemmi –

> “up to LM500 – any 2 to sign; LM500 to LM1,000 – any 3; LM1,000 to LM5,000 – any 4; more – all 5 to sign”

iii. B’hekk filwaqt li skont ma qed jgħidu l-atturi fir-rikors promotur u fix-xhieda tagħhom, fuq ammonti ta’ inqas minn LM200 ma kien hemm bżonn ebda firma u huwa biss fuq ammonti li jibdew minn LM200 sa LM500 li hemm bżonn żewġ firem, skont l-iscreenshot, kwalunkwe ammont sa LM500 kien jeħtieġlu żewġ firem. Ukoll, skont l-atturi fir-rikors promotur u fl-affidavits tagħhom, kull ammont li jeċċedi l-LM1,000 kien jeħtieġ il-firma tal-ħames aħwa; madankollu l-iscreenshot juri li huwa biss għal ammonti akbar minn LM5,000 li kien hemm il-ħtieġa ta’ ħames firem, filwaqt li bejn l-LM1,000 u LM5,000 erba’ firem kienu biżżejjed.

iv. Fid-dawl ta’ dawn l-osservazzjonijiet fejn allura jirriżulta li l-allegati istruzzjonijiet dwar il-firem li fuqhom huma bbażati l-kawżali u t-talbiet tal-atturi f’din il-kawża lanqas biss huma kollha kompatibbli maċ-ċifri u l-firem meħtieġa kif indikati fid-dokument tal-iscreen shot preżentati mill-atturi stess in sostenn tat-teżi tagħhom, il-Qorti ma tistax ħlief tqis li dan ikompli jżid man-nebolożita’ tal-pretensjonijiet attriċi fir-rigward tal-Bank konvenut. Fuq liema struzzjonijiet kien tenut li jimxi l-Bank allura skont l-atturi? Fuq dawk tal-iscreen shot jew fuq dak minnhom indikati fir-rikors promotur u fl-affidavits?

v. Jirriżulta wkoll li l-ħames aħwa Cassar, Bartolo, Agius, Duca u Borg kienu ffirmaw ftehim li permezz tiegħu qablu mad-dettalji hemm imniżżla fir-rigward ta’ partnership bejniethom imsejjaħ RENCAS9 . Fost id-dettalji huma qablu li –

> “Cheques maħruġa minn RENCAS isiru b’din il-proċedura:
>
> a. Cheques ta’ valur sa LM100.00 jenħtieġu żewġ firem.
>
> b. Cheques ta’ valur minn LM100.00 sa LM500.00 jenħtieġu żewġ firem.
>
> c. Cheques ta’ valur minn LM500.00 sa LM1,000.00 jenħtieġu tlett firem.
>
> d. Cheques ta’ valur minn LM1,000.00 sa LM5,000.00 jenħtieġu erba’ firem.
>
> e. Cheques ta’ valur aktar minn LM5,000.00 jenħtieġu l-ħames firem.”

vi. Jiġi rilevat pero’ li dan il-ftehim jorbot biss lill-aħwa u huwa meqjus res inter alios acta sa fejn jirrigwarda lill-Bank sakemm ma tinġiebx prova kuntrarja, liema prova ma tirriżultax mill-atti in kwantu ma ntweriex li kien hemm xi uffiċjali delegati mill-Bank konvenut li uffiċjalment intrabtu f’ismu biex mar-rilaxx ta’ flus huma josservaw dawk l-istruzzjonijiet dwar il-firem.

vii. Jiġi nnutat ukoll li skont ma jgħidu l-atturi stess, il-ftehim dwar il-mandat li taw lill-Bank kien wieħed miktub u ffirmat mill-aħwa. L-atturi ħarrku lir-rappreżentant tal-Bank konvenut Roderick Abela sabiex jixhed dwar it-tlett

kontijiet in kwistjoni u jesebixxi d-dokumenti kollha rigwardanti dwarhom. Fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Lulju 201111 huwa xehed dwar u esebixxa d-dokumentazzjoni mitluba mill-atturi u li kienet tikkonsisti fl-opening account forms u u l-mandate forms relattivi.

viii. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li –

- Fl-Opening of Account Forms fit-taqsima Signing Instructions il-kaxxi rispettivi All to Sign jew Anyone to Sign jew Vide Mandate tħallew kollha vojta u ebda waħda ma ġiet ticked. Dan id-dokument huwa ffirmat mill-aħwa kollha;

- Il-Mandate Form, iffirmata għal darb'oħra mill-aħwa kollha, fost affariijiet oħra tagħti din l-istruzzjoni lill-Bank konvenut –

> "to honour and comply with all instructions to deliver or dispose of any securities or documents or property held by the Bank on my/our behalf; to hold me/us liable on all agreements and indemnities in connection with the issue of letters of credit, drafts and telegraphic transfers and with all banking transactions: provided that any such cheques, drafts, bills of exchange, promissory notes, acceptances, negotiable instruments, orders, instructions, agreements and indemnities are signed in the name of the firm by me/any one of us."

ix. Min dan allura jemerġi li l-istruzzjonijiet mgħoddija lill-Bank konvenut kif iffirmati u maqbula mill-aħwa nkluż l-atturi kien li fir-rigward tar-rilaxx ta' flus mill-Bank f'isem il-partnership bejn l-aħwa permezz ta' ċekkijiet eċċetra, kienet biżżejjed firma waħda ta' xi ħadd minnhom. Jekk kien hemm ftehim ulterjuri kien jispetta lil atturi jassiguraw li jiġi esebit.

x. Minn dan allura jirriżulta li l-ammonti ta' flus rilaxxjati mill-Bank, mingħajr ebda restrizzjoni dwar l-ammont, kienu meqjusa validi anke b'firma waħda;

xi. Fiċ-ċirkustanzi lill-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Bank konvenut naqas mill-obbligi tiegħu bħala mandatarju in kwantu ma ntweriex li ġew rilaxxjati xi flus mill-kontijiet tal-aħwa mal-Bank mingħajr almenu firma ta' wieħed minnhom. Huwa minnu li hemm dokument a fol 40B maħruġ fuq l-attriċi li għar-rilaxx tas-somma ta' €1,000 jindika "any 3 to sign up to LM3,000" iżda meta meħud fil-kuntest tal-provi l-oħra miġjuba hija l-fehma tal-Qorti li dan ma jegħlibx dak riskontrat fil-mandate form iffirmata mill-atturi u l-bqija ta' ħuthom.

xii. Għal kull buon fini ssir referenza wkoll għad-dokument a fol 138 permezz ta' liema ġie konċess mill-Bank konvenut fuq il-kont kurrenti tal-aħwa, temporary encroachment limit ta' Lm3,000. Jirriżulta li dan id-dokument kien effettivament iffirmat minn tlett aħwa – fosthom l-attriċi Rose Bartolo stess. Skont l-atturi, a bażi tal-istruzzjonijiet allegati minnhom, il-Bank kien obbligat li jitlob ħames firem (mentri skont l-iscreenshot tal-kompjuter esibit mill-atturi kieku kien ikunu meħtieġa erba' firem). Madankollu u kuntrarjament għal dak argumentat mill-atturi dawn it-tlett firem huma meqjusa regolari u fit-termini tal-mandate form iffirmata mill-

aħwa. Mhijiex kredibbli x-xhieda tal-attriċi Rose Bartolo li issa waqt il-kawża qed tgħid li hi kien mingħaliha qegħdin jiffirmaw għall-ħlas tal-bolol.

xiii. Jingħad ulterjorment li l-atturi huma meqjusa li kienu nfurmati u konsapevoli bit-transazzjonijiet kollha li kienu qegħdin isiru partikolarment mill-kjamat fil-kawża Sebastian Duca nkluż l-ammonti rilaxxjati stante li kienet l-attriċi Cynthia Cassar stess li tirċievi l-istatements mill-Bank.

xiv. Finalment, mhux talli l-kontijiet bejniethom intużaw, imma d-dejn kollu ġie saldat u l-kontijiet in kwistjoni magħluqa wkoll.

Fid-dawl tas-suespost, l-ewwel talba tal-atturi ma tistax tiġi milqugħa u kwindi mhux ser jiġu evalwati l-bqija tat-talbiet.

Għall-istess raġunijiet, u safejn kompatibbli ma' dak deċiż, il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvent u tal-kjamat fil-kawża sejrin jintlaqgħu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

17. Permezz ta' din il-kawża l-appellanti qegħdin jitolbu li l-konvenuti jew min minnhom jiġu kkundannati jagħmlu tajjeb għad-danni li allegatament batew meta, skont huma, il-bank appellat naqas milli josserva l-istruzzjonijiet mogħtija lilu minnhom u ppermetta lil Sebastian Agius li jopera l-faċilita` bankarja komuni mingħajr il-firma tal-atturi fejn u meta din kienet meħtieġa. Min-naħa tiegħu l-bank konvenut jiċħad li huwa qatt ingħata xi struzzjonijiet mill-atturi dwar kif kellu jiġi operat il-kont miżmum in komuni bejn l-aħwa waqt li kienu għaddejjin bi proġett ta' żvilupp ta' proprjeta` immobbli.

18. Wara li fliet l-atti kollha tal-kawża bir-reqqa din il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellati u mal-Ewwel Qorti li ma kien hemm assolutament l-ebda struzzjonijiet mogħtija lill-bank appellat dwar il-ħtieġa ta' ċertu numru ta' firem skont l-ammonti li jkunu qed jinħarġu mill-kont komuni. Il-Qorti tosserva li l-

eżistenza ta' dawn l-istruzzjonijiet ġiet ammessa mill-bank appellat stess fl-ittra mibgħuta minn Dr. Stefan Grima f'isem l-istess bank fis-17 ta' Ottubru 2008 fejn il-Bank appellat jgħid espressament "…*we had a mandate relating to the current account 40011668116."* Għalhekk il-bank appellat ma jistax issa jippretendi li din il-Qorti taċċetta li l-atturi u ħuthom fl-ebda ħin ma kienu tawh xi struzzjonijiet dwar kif kellhom jitħaddmu l-kontijiet tagħhom, meta dan ammettieh hu stess. Fil-fatt il-Qorti tkompli tinnota li f'*withdrawal slip* esebita a *fol.* 40B hemm inkluż il-kliem "*any 3 to sign up to Lm1000"* li jkompli jikkorrobora t-teżi tal-atturi li l-bank appellat kien fil-fatt ingħata struzzjonijiet dwar kif kellhom jitħaddmu l-kontijiet li l-aħwa kellhom in komuni. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-bank appellat li l-*Appointment of Bankers Form* huwa "*Mandate Form*" u dan peress li minn qari ta' dan id-dokument huwa ċar li l-klijenti mhumiex qed jingħataw il-possibbilita` li jagħżlu kemm-il firma hija meħtieġa sabiex jiġi operat kont.

19. Il-Qorti tkompli tosserva pero` li mill-atti jirriżulta li l-atturi flimkien ma' ħuthom Sebastian Agius u Ricarda Duca kellhom tliet kontijiet in komuni mal-bank appellat, u ċioe` (1) kont *savings* bin-numru 40011668080, (2) kont kurrenti bin-numru 40011668116; u (3) *loan account* bin-numru 40012939378. Il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta sodisfaċentement li l-bank kien ingħata struzzjonijiet dwar kif kellhom jitħaddmu l-kont *savings* u l-kont kurrenti. Kif ingħad fil-paragrafu preċedenti, il-bank appellat stess kien ammetta li kien ingħata struzzjonijiet dwar it-tħaddim tal-kont kurrenti, filwaqt li d-dokument imsemmi fil-paragrafu preċedenti li jinsab a *fol.* 40B jagħmel referenza għall-kont *savings.* Il-Qorti tosserva li l-*Account Opening form* u l-*Appointment of*

*Bankers form* li għalihom jagħmlu referenza l-partijiet u li jinsabu a *fol.* 213 – 219 tal-proċess jirrigwardaw biss il-kont *savings* u l-kont kurrenti, u m'hemm l-ebda formoli simili li jirreferu għall-kont tal-*loan*. Dwar il-kont tal-*loan* ġiet esebita biss is-*sanction letter*, li ma tagħti l-ebda informazzjoni dwar jekk il-bank appellat ġiex mogħti struzzjonijiet li kellu jeħtieġ ċertu numru ta' firem fir-rigward ta' ammonti speċifikati ta' flus, u jidher li l-unika obbligu li bih kien marbut il-bank appellat kien fis-sens li kellu jiżborsa ammonti minn dan il-kont biss mal-preżentata ta' *invoice* jew riċevuta li tikkonferma l-ammont li kien qiegħed jintalab. Mill-provi jirriżulta abbondantement li l-bank appellat naqas minn dan l-obbligu u li kien hemm diversi okkażżjonijiet fejn kien jiżborsa ammonti mitluba minn Sebastian Agius mingħajr il-preżentata ta' *invoice* jew riċevuta kif meħtieġ, xi drabi saħansitra a favur ta' Sebastian Agius stess mingħajr prova li Agius kien verament ħareġ l-ammonti li kien qiegħed jitlob. Il-Qorti tosserva pero` li t-talba tal-atturi hija waħda speċifika u limitata u ma tinkludix dan in-nuqqas min-naħa tal-bank appellat, peress li tirrigwarda biss il-kwistjoni tan-numru ta' firem meħtieġa biex jiġu żborsati ammonti mill-bank.[1] Għalhekk la l-Ewwel Qorti ma setgħat u lanqas din il-Qorti ma tista' tieħu in konsiderazzjoni dan in-nuqqas min-naħa tal-bank appellat, ġaladarba l-Qorti hija marbuta bit-talbiet attriċi li ma jkoprux ukoll dan l-aġir.

[1] L-ewwel talba tal-atturi taqra hekk: "Tiddikjara illi s-soċjeta` intimata Bankarja naqset milli tosserva l-istruzzjonijiet lilha mgħotija u minnha assunti u permettiet illi Sebastian Agius jopera l-faċilita` bankarja komuni għar-rikorrenti, Sebastian Agius u Ricarda Duca mingħajr ma ġiet mitluba l-firma tar-rikorrenti fejn u kull meta kien jinħtieġ."

20. Minn eżami tal-provi prodotti mill-partijiet pero` jirriżulta l-biċċa l-kbira ta' transazzjonijiet li għalihom jirreferu l-appellanti jirrigwardaw transazzjonijiet magħmula mill-kont tal-*loan*. Fil-fatt, id-dokument a *fol.* 145 jagħti lista ta' pagamenti li saru mill-kont tal-*loan* fuq l-awtorita` waħdanija ta' Sebastian Agius. Kif ingħad pero` l-appellanti ma ressqux prova sodisfaċenti li l-bank appellat kien ingħata struzzjonijiet dwar kemm kienu meħtieġa firem biex jitħaddem dan il-kont, u għalhekk dawn il-pagamenti ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-kawża speċifika ntavolata mill-atturi. Fir-rigward tal-kont *savings* bin-numru 40011668080 u l-kont kurrenti bin-numru 40011668116 l-appellanti ma preżentaw l-ebda prova li turi li l-bank appellat żborsa xi ammonti mingħajr ma' kien hemm il-firem meħtieġa. Hekk per eżempju, iċ-ċekk esebit *a fol* 221 li nħareġ mill-kont kurrenti fit-18 ta' Diċembru 2006 għall-ammont ta' Lm900 ġie ffirmat minn tlieta mill-aħwa kif kien ġie miftiehem li kellu jsir għall-ammonti li huma bejn Lm500 u Lm1,000. Fir-rigward tal-kont *savings* mid-dokumenti esebiti a *fol* 1065 – 1071 jidher li ġew żborsati numru ta' pagamenti fit-8 ta' Ġunju 2002 u fil-11 ta' Ġunju 2002, iżda m'hemm l-ebda ndikazzjoni ta' kemm-il persuna ffirmat biex jiġu żborsati dawn l-ammonti. Il-Qorti tifhem pero` li l-ammonti li jinsabu ndikati f'dawn id-dokumenti mhumiex parti mill-kontestazzjoni ta' din il-kawża, ikkonsidrat li jirriżulta li dawn l-ammonti jirreferu għall-ħlas tal-proprjeta` akkwistata mill-aħwa u l-ħlas tat-taxxa relattiva, filwaqt li jidher li d-disgwid ta' bejn il-partijiet jirrigwarda ħlasijiet li saru waqt l-andament tal-proġett. Għalhekk l-allegazzjoni tal-atturi li l-bank appellat żborsa xi ammonti minn dawn iż-żewġ kontijiet fin-nuqqas tal-firem kollha rikjesta ma ġietx suffiċjentement pruvata mill-appellanti.

21. Għaldaqstant il-Qorti tqis li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, safejn kompatibbli mal-konsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti.

**It-Tielet Aggravju**

22. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti jargumentaw li l-ordni magħmula mill-Ewwel Qorti li għandhom jerfgħu l-ispejjeż kollha tal-kawża hija nġusta kkonsidrat li kien biss fuq l-insistenza tal-Bank appellat li ġie kjamat in kawża Sebastian Agius u li l-Ewwel Qorti nnifisha ddikjarat li l-preżenza ta' Sebastian Agius f'din il-kawża ma kinitx strettament meħtieġa fil-provvediment mogħti minnha fid-29 ta' Jannar 2010.

23. Il-bank appellat iwieġeb li peress li l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi huwa skont il-liġi li l-atturi appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-azzjoni odjerna. Jgħid li l-preżenza ta' Sebastian Agius f'din il-kawża kienet meħtieġa għaliex l-allegazzjonijiet attriċi kienu kollha ndirizzati fil-konfront ta' aġir tal-istess Sebastian Agius, u li fi kwalunke każ il-kjamata in kawża ta' Sebastian Agius kienet neċessarja għall-fini tal-ekonomija tal-ġudizzju u sabiex tingħata stampa ċara lill-Qorti tas-sitwazzjoni u l-fatti kif verament ġraw.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

24. Il-Qorti tirrileva li ġaladarba ma sar l-ebda appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li jiġi kjamat in kawża Sebastian Agius, din il-Qorti ma tistax tidħol fil-kwistjoni dwar jekk is-sejħa fil-kawża tiegħu kinitx ġustifikata jew le. Pero` huwa dan li l-appellanti qegħdin jistiednu lill-Qorti li tagħmel, għaliex determinazzjoni dwar jekk il-preżenza ta' Agius kinitx meħtieġa jew le f'din il-kawża effettivament tekwivali għal determinazzjoni dwar jekk kellux jiġi kjamat in kawża jew le. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju ma jistax jiġi milqugħ fiċ-ċirkostanzi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-atturi u tikkonferma s-sentenza appellata safejn kompatibbli ma' din is-sentenza, bl-ispejjeż kollha a karigu tal-atturi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm